## ...bżonn ta' Qrara tajba

Is-Sibt li għadda, fl-aħħar ta' Jannar, fil-knisja filgħodu kien hemm ċelebrazzjoni sabiħa, li però ma kinitx miftuħa għal kulħadd, għax kienet l-Ewwel Qrara tat-tfal li din is-sena se jirċievu t-Tqarbin għall-ewwel darba. Kienet qisha festa żgħira privata, għax il-Qrar mhux sagrament li tiċċelebrah mal-oħrajn, imma waħdek, bejnek u bejn Alla: u fin-nofs ikun hemm il-qassis biex jgħinek terġa' tqum bil-kelma tiegħu u bil-qawwa ta' Alla.

Xħin ġew, it-tfal kienu veru kwieti, qishom qed jibżgħu, imma fl-aħħar telqu qishom biż-żifna, għax kienu ferħanin. Ħadd m'għamel għalihom, jew qalilhom li mhux jistinkaw biżżejjed, anzi semgħu min jagħmlilhom kuraġġ u fakkarhom fil-kliem tal-parabbola tal-iben il-ħali xħin il-Missier jgħid: "'Ħa nieklu u nagħmlu festa, għax dan ibni kien mejjet u raġa' qam, kien mitluf u nstab!' U bdew jagħmlu festa."
Jaħasra ma tantx ngħixux hekk, dan is-Sagrament! Tant iffissajna li rridu nistinkaw weħidna u li m'għandniex bżonn min joqgħod jgħidilna x'għandna nagħmlu; u tant fhimna li mhux ħa taqa' d-dinja jekk niżbaljaw għax kulħadd jiżbalja u l-importanti li ma tkun trid tweġġa' lil ħadd; li spiċċajna m'għadniex immorru nqerru.

Hawn min jaħseb hekk: li biex jgħix aħjar, m'hemmx għalfejn joqgħod jgħid x'għamel ħażin; m'hemmx għalfejn jisma' lill-qassis jgħidlu li Alla jaħfirlu jew jarah iniżżel il-barka t'Alla fuqu. Imma mbagħad jiġrilu li, xħin xi ħadd isemmilu xi difett, jirvilla, u jagħmel minn kollox biex ma jiftakarx fl-iżbalji tiegħu, u aktar ma jipprova jinsa aktar jiġġennen u jispiċċa jerġa' jgħaffeġ. Għaliex jiġri hekk? Għax fil-fond il-fond, ikun għadu ma fieqx: ikun għadu rrabjat għalih innifsu, u mingħalih li Alla nsieh u li l-oħrajn mhux jaċċettawh kif inhu.

Veru li l-oħrajn jistgħu ma jaċċettawk qatt kif int, imma meta tisma' f'widnejk li Alla qed jaħfirlek u jħobbok, dik il-Kelma tiegħu tinżel f'qalbek u tissaħħaħ tant li ma tibqax tirvilla xħin terġa' tiżbalja, u ma tħossokx li aħjar tisparixxi u lanqas tibqa' mwerwer li dak li għamilt fil-passat se jerġa' jqum minn xi mkien u jsammrek ma' ħajt. U din mhix kwistjoni ta' kemm se jirnexxilek tibqa' b'saħħtek jew kemm ħa titgħallem mill-iżbalji tiegħek u ma tibqax baħnan għax taf terġa' tqum u tistinka biex tirranġa. Imma kollox jiddependi minn kemm tkun taf tieqaf ftit fil-kwiet, tagħraf il-limiti tiegħek, tammetti li waħdek mhux biżżejjed, u li fl-aħħar mill-aħħar għandek bżonn lil Alla ħalli jgħinek taħseb u tiddeċiedi biex tibda tħobb, kif iħobbok Hu. U hekk tinduna li Alla ma jridekx tmut imma li terġa' tgħix, għax ħajtek bis-sens u bik jew mingħajrek mhux xorta.

Dan hu dak li jista' jagħmel is-Sagrament tal-Qrar fil-ħajja tagħna biex ngħixuha aħjar. Mhux inessina l-problemi, kif se jagħmel il-Karnival f'dawn l-erbat jiem li ġejjin fuqna, imma jġibhom iktar quddiemna biex fihom nagħrfu li għandna bżonn ta' Alla biex jaħfrilna u jagħtina ċans ieħor biex nerġgħu nħobbu u niġu maħbuba. U r-Randan hu l-aqwa żmien għal Qrara tajba, li tibda tfejjaqna u tgħinna nfittxu l-maħfra ta' Alla aktar ta' spiss.

**Avviżi:**
Quddiesa f'Ta' Pinu mill-Isqof Anton, bit-tiġdid tal-wegħdiet tal-Magħmudija, **għall-ġenituri u t-tfal:**
**tal-Ewwel Tqarbina**, it-Tnejn 9 ta' Frar, fis-6.30pm;
**tal-Griżma tal-Isqof**, it-Tlieta 10 ta' Frar, fis-6.30pm.

**Festa tan-Nawfraġju ta' San Pawl** nhar it-Tlieta 10 ta' Frar. Il-ħinijiet tal-Quddies fil-parroċċa jkun bħall-jum tal-Ħadd.

**Iċ-Ċimiterji Ta' Kenuna u tal-Ħniena Divina** nhar it-Tlieta 10 ta' Frar ser ikunu miftuħin mis-7:00am sas-6:00pm.

**Nhar Jum il-Morda**, l-Erbgħa 11 ta' Frar, se tiġi ċċelebrata quddiesa fid-9.00am fil-Bażilika li fiha jiġi amministrat is-Sagrament tal-Morda. Dawk l-anzjani li jixtiequ jiġu u għandhom bżonn tat-trasport jistgħu jċemplu lil Lina Mifsud fuq 99260629. Wara l-quddiesa nieħdu xi ħaġa tajba flimkien fuq iz-zuntier.
L-Għaqda Dun Franġisk Grima tistedinna nieħdu sehem f'din il-Quddiesa b'talb għall-bżonnijiet tal-morda tagħna minflok il-ħarġa tal-Ħamis.

**Il-Ġabra tal-Obolo ta' San Pietru** se ssir fil-Quddies tal-weekend li ġej: is-Sibt 14 filgħaxija u l-Ħadd 15 ta' Frar. Din il-ġabra li ssir mad-dinja kollha sservi biex issostni l-attività tal-Karità tal-Papa li jagħti lill-knejjes li huma l-iktar fil-bżonn madwar id-dinja.

**Il-Ħin tal-Quddies**

**Ħdud u Festi:** 5.30am; 6.30am; 8.30am; 9.45am; 11.00am; 5.00pm; 7.00pm
**Mit-Tnejn sas-Sibt:** 5.30am; 6.30am; 7.30am; 9.00am; 5.00pm; 6.30pm
**KNISJA TAL-QALB TA' ĠESÙ: matul il-ġimgħa:** 11.00am **il-Ħadd:** 7.00am
**KAPPELLA TAS-SORIJIET: matul il-ġimgħa:** 7.00am **il-Ħadd:** 6.15am; 10.15am (bl-Ingliż)
**KAPPELLA SANTA TEREŻA TA' KALKUTTA: il-Ħadd:** 7.30am